## IT-TIELET SEZZJONI — APPELLI INFERJURI

17 ta' Jannar, 1944.

Imhallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

**Ursola Borg** *versus* Carlo **Xuereb et.**

**Appell — Kompetenza — Ġnien — Board tal-Qbejjel — "Agricultural Leases Regulations, 1943".**

*Kwistjoni li tirrigwarda l-kompetenza hija kwistjoni ta' dritt li tirrendi appellabili sentenza tal-Qorti Inferjuri indipendentement mill-valur.*

***Fond li huwa ġnien ma jaqax taħt l-"Agricultural Leases Regulations, 1943"; u għalhekk talba għall-iżgumbrament minn ġnien mhiex ta' kompetenza tal-Board tal-Qbejjel, imma tat-Tribunali ordinarji.***

Il-Qorti. — Rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għal kundanna tal-konvenut biex jiżgombra mill-ġardinetta f'Ħaż-Żebbuġ, Triq Hali, nru. 4, billi l-lokazzjoni ta' l-istess spiċċat fil-15 ta' Awissu 1943, skond konġedo lilu mogħti bl-ittra uffiċjali tat-28 ta' Mejju 1943, u għal kull raġuni oħra tajba fil-liġi; u li jħallas bħala danni ta' l-okkupazzjoni tal-fond mill-15 ta' Awissu 1943, sakemm jiżgombra dik is-somma li, kalkulata bit-£3 fis-sena, tirriżulta dovuta sa £5; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fejn laqgħet it-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż, wara li rriġettat l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti u għall-fini ta' l-iżgumbrament tat lill-konvenut *ħmistax-il ġurnata żmien; wara li* kkunsidrat;

Illi l-"Agricultural Leases Regulations, 1943", jeskludu espressament il-ġardinetti, li jaqgħu konsegwentement taħt il-liġi ordinarja; illi fi kwalunkwe każ l-attriċi intimat lill-konvenut biex joħroġ fit-terminu permezz ta' ittra uffiċjali, u *skond dawk ir-regolamenti kien il-konvenut li kien imissu* jadixxi l-Board biex jirreżisti l-"eviction" — dak li huwa ma għamilx;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Illi kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, dan il-fond ma jaqax taħt il-Government Notice fuq imsemmija (nru. 242, 85—86, Vol. XXXII, p. I, sez. III

ta' l-1943), peress li huwa ġnien;

Tikkunsidra:

Illi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità hija mingħajr bażi, għax il-kwistjoni ta' l-inkompetenza tinvolvi pont ta' dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

1. Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, bl-ispejjeż relattivi kontra l-attriċi appellata;

2. Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, jekk hemm bżonn, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż relattivi kontra l-konvenut appellant; u għall-fini ta' l-iżgumbrament iż-żmien prefiss fl-ewwel sentenza jibda jgħaddi millum.